31979D0505

31.5.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 134/13

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-8 ta' Mejju 1979
dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim dwar l-importazzjoni ta' materjal edukattiv, xjentifiku u kulturali

(79/505/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim dwar l-importazzjoni ta' materjal edukattiv, xjentifiku u kulturali, magħruf bħala l-Ftehim ta' Firenze, imfassal fuq l-inizjattiva ta' l-Unesco, hu maħsub sabiex jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kotba, pubblikazzjonijiet u materjal edukattiv, xjentifiku u kulturali; billi għal dan il-għan il-Ftehim jinkludi fost l-oħrajn dispożizzjoni biex ma jkunux applikati dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' oġġetti bħal dawn;

Billi fis-26 ta' Novembru 1976 id-19-il Konferenza Ġenerali tal-Unesco adottat Protokoll mal-Ftehim ta' Firenze sabiex jestendi l-eżenzjoni mid-dazji doganali għal numru ta' oġġetti li sa dak l-waqt kienu esklużi minn din l-eżenzjoni; billi dan il-Protokoll, għalkemm jikkostitwixxi att li jikkomplementa l-Ftehim, għandu madanakollu, jitqies bħala dokument separat;

Billi, minħajr ħsara għall-possibilitajiet mogħtija minn paragrafu 16 (a) tal-Protokoll, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll huma konformi ma' l-għanijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea; billi huwa għalhekk mixtieq li jiġi konkluż dan il-Protokoll u fl-istess waqt isiru d-dikjarazzjonijiet li għalihom jirreferi paragrafu 16 (a).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Protokoll tas-26 ta' Novembru 1976 għall-Ftehim dwar l-importazzjoni ta' materjal edukattiv, xjentifiku u kulturali huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

2. Meta l-Protokoll ikun firmat għandu jiġi dikjarat li l-Komunità:

— m'għandhiex tkun marbuta minn Partijiet II u IV,

— m'għandhiex tkun marbuta minn Annessi Ċ. 1, F, Ġ u Ħ.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma l-Protokoll sabiex torbot lill-Komunià.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-att ta' aċċettazzjoni li hemm provdut għalih fil-paragrafu 14 (ċ) tal-Protokoll.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

P. BERNARD-REYMOND